# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 21 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 27.
Citazz. Nru. 2065/00 JRM

**LOMBARD BANK MALTA p.l.c.**

**vs**

**Karl u Grace konjugi BONELLO**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti jinsabu debituri tal-bank attur fis-somma ta' tnax-il elf, tnejn u tletin liri maltin u hamsin centezmu (Lm12,032.50) bilanc ghad-debitu fl-"overdraft account" li ghandhom mal-Lombard Bank Malta p.l.c. skond statement hawn anness u

mmarkat Dok "A" bl-interessi kkalkolati sat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-Bank attur l-ammont ta' tnax-il elf, tnejn u tletin liri maltin u hamsin centezmi (Lm12,032.50) bilanc ghad-debitu fl-"overdraft account" li ghandhom mal-Lombard Bank Malta p.l.c. skond statement hawn anness u mmarkat Dok "A" bl-interessi kkalkolati sat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu tas-sena elfejn ( 2000) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000), sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-16 ta' Lulju, 2000, tal-mandati ta' sekwestru u gbid kawtelatorji ppresentati kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-Bank attur l-ammont ta' tnax-il elf, tnejn u tletin liri maltin u hamsin centezmu (Lm12,032.50) bilanc ghad-debitu fl-"overdraft account" li ghandhom mal-Lombard Bank Malta p.l.c. skond statement hawn anness u mmarkat Dok "A" bl-interessi kkalkolati sat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mid-disgha u ghoxrin (29 ) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000) sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT kif ukoll dawk ta' l- ittra ufficjali li ggib id-data tats-16 ta' Lulju 2000, tal-mandati ta' sekwestru u gbid kawtelatorji ppresentati kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti solidalment.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Marzu, 2001.**

*21 ta' Marzu, 2001.*